

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1916

tas-7 ta' Ottubru 2022

**li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 fir-rigward ta' ċerti pjanti għat-tħawwil *Juglans regia* L. li joriġinaw mill-Moldova**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4), l-ewwel subparagrafu tiegħu,

Billi:

- (1) Abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju preliminari, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019<sup>(2)</sup> jistabbilixxi lista ta' pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra ta' riskju għoli.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2018<sup>(3)</sup> jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita sabiex issir il-valutazzjoni tar-riskju msemmija fl-Artikolu 42(4) tar-Regolament (UE) 2016/2031 għall-pjanti, għall-prodotti tal-pjanti u għall-oġġetti oħra ta' riskju għoli.
- (3) Wara valutazzjoni preliminari tar-riskju, fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 ġew inklużi 34 ġeneru u speċi waħda ta' pjanti għat-tħawwil li joriġinaw mill-pajjiżi terzi kollha, bħala pjanti ta' riskju għoli, li fosthom hemm il-ġeneru *Juglans* L.
- (4) Fl-4 ta' Marzu 2020, il-Moldova ressqet talba lill-Kummissjoni għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni ta' pjanti mlaqqma ta' bejn sena u sentejn għat-tħawwil u salvaġġ' tal-*Juglans regia* L. bl-għeruw mikxufin, inattivi u mingħajr weraq. It-talba kienet sostnuta mid-dossier tekniku rilevanti.
- (5) Fil-25 ta' Marzu 2021, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") adottat opinjoni xjentifika dwar il-valutazzjoni tar-riskju ta' komodità tal-pjanti għat-tħawwil tal-*Juglans regia* mill-Moldova<sup>(4)</sup>. L-Awtorità ma identifikat l-ebda pest rilevanti għal dawk il-pjanti għat-tħawwil.
- (6) Fit-23 ta' Ġunju 2022, l-Awtorità emendat l-opinjoni xjentifika biex tinkludi lil *Xiphinema rivesi* (popolazzjonijiet mhux tal-UE) bħala pest rilevanti għal dawk il-pjanti għat-tħawwil, evalwat il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji deskritti fid-dossier għal dak il-pest u stmat il-probabbiltà li dawk il-pjanti għat-tħawwil ikunu ħielsa mill-pest. *Xiphinema rivesi* (popolazzjonijiet mhux tal-UE) huwa elenkat fil-Parti A, it-Taqsima 4, tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072<sup>(5)</sup>, bħala pest tal-kwarantina fl-Unjoni li mhux magħruf li jeżisti fit-territorju tal-Unjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 tat-18 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi lista proviżorja ta' pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra ta' riskju għoli, fis-sens tal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2016/2031 u lista ta' pjanti li ma jeħtiġux ċertifikati fitosanitari għall-introduzzjoni tagħhom fl-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 73 ta' dak ir-Regolament (ĠU L 323, 19.12.2018, p. 10).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2018 tat-18 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi regoli speċifiċi rigward il-proċedura li trid tiġi segwita sabiex issir il-valutazzjoni tar-riskju ta' pjanti b'riskju għoli, il-prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra fit-tifsira tal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 323, 19.12.2018, p. 7).

<sup>(4)</sup> EFSA PLH Panel (EFSA Panel on Plant Health), 2021. Scientific Opinion on the commodity risk assessment of *Juglans regia* plants from Moldova. EFSA Journal 2021;19(5):6570, 27 pp. <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2021.6570>.

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1).

- (7) Abbażi ta' dik l-opinjoni, ir-riskju fitosanitarju mill-introduzzjoni fl-Unjoni ta' pjanti mlaqqma għat-tħawwil li għandhom mhux aktar minn sentejn, bl-għeruq mikxufin, inattivi, mingħajr weraq u salvaġġ tal-*Juglans regia* L. li joriġinaw mill-Moldova, jitqies aċċettabbli, dment li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti tal-importazzjoni rispettivi stabbiliti fl-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.
- (8) B'konsegwenza ta' dan, il-pjanti mlaqqma għat-tħawwil li għandhom mhux aktar minn sentejn, bl-għeruq mikxufin, inattivi u mingħajr weraq u s-salvaġġ ta' *Juglans regia* L. li joriġinaw fil-Moldova, jenħtieġ li ma jibqgħux jitqiesu bħala pjanti ta' riskju għoli.
- (9) Jenħtieġ li għalhekk l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 jiġi emendat skont dan.
- (10) Sabiex ikun hemm konformità mal-obbligi tal-Unjoni li jirriżultaw mill-ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-applikazzjoni ta' miżuri sanitarji u fitosanitarji<sup>(6)</sup>, jenħtieġ li l-importazzjoni ta' daww il-komoditajiet bażiċi terġa' tibda ssir fl-iqsar żmien possibbli. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
- (11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Ottubru 2022.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN

<sup>(6)</sup> Agreement on the Application of Sanitary and Phytosanitary Measures (SPS Agreement), (adottat fil-15 ta' April 1994, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995; UNTS Volum 1867, p. 493) tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, [https://www.wto.org/english/tratop\\_e/sps\\_e/spsagr\\_e.htm](https://www.wto.org/english/tratop_e/sps_e/spsagr_e.htm).

## ANNEX

**Emenda għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019**

Fil-punt 1 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019, fit-tieni kolonna tat-tabella "Deskrizzjoni", it-test fl-entrata ta' *Juglans L.* huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Juglans L.*, għajr:

- pjanti għat-tħawwil ta' *Juglans regia L.* ta' mhux aktar minn sentejn bl-għerq mikxufin, mingħajr weraq u b'dijametru massimu ta' 2 cm fil-bażi taz-zokk, li joriġinaw mit-Turkija kif ukoll
  - pjanti mlaqqmin għat-tħawwil ta' mhux aktar minn sentejn, bl-għerq mikxufin, inattivi u mingħajr weraq, u salvaġġ ta' *Juglans regia L.* li joriġinaw mill-Moldova".
-